2024/2897

18.11.2024

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2024/2897

## tat-18 ta' Novembru 2024

## li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1529 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2894 tat-18 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 ([2]) u r-Regolament (UE) 2023/1529 ([3]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar.

(2) Fit-18 ta' Novembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2894, li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532. Fid-dawl tal-appoġġ militari kontinwu tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u b'mod partikolari l-provvista mill-Iran ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) u missili lir-Russja. Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2894 tintroduċi aktar miżuri restrittivi.

(3) Il-miżuri jintroduċu projbizzjoni fuq l-esportazzjoni, il-bejgħ, it-trasferiment jew il-forniment mill-Unjoni lejn l-Iran ta' komponenti ulterjuri użati fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' UAVs u ta' komponenti użati fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' missili.

(4) Barra minn hekk, il-miżuri jintroduċu projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet li tipprojbixxi kwalunkwe tranżazzjoni ma' portijiet u mgħalaq li huma ta', operati minn jew ikkontrollati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati jew li jintużaw għat-trasferiment ta' UAVs jew missili Iranjani jew teknoloġija relatata jew komponenti tagħhom lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Dak jinkludi l-aċċess għall-faċilitajiet tal-portijiet u l-imgħalaq elenkati u l-forniment ta' kwalunkwe servizz lill-bastimenti. Hija inkluża eżenzjoni għas-sikurezza marittima.

(5) Huwa xieraq ukoll li jiġu emendati l-kriterji tal-elenkar u jiġu pprovduti għal eċċezzjonijiet immirati.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sabiex ma tiġix ipperikolata l-effettività tal-miżuri stabbiliti fih.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/1529 jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L, 2024/2894, 18.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2894/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar (ĠU L 186, 25.7.2023, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1532/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar (ĠU L 186, 25.7.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1529/oj).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2023/1529 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, tal-oġġetti u t-teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għall-kapaċità tal-Iran li timmanifattura Vetturi tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ (UAVs) jew missili kif elenkat fl-Anness II, kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, fl-Iran jew għall-użu fl-Iran.

It-tranżitu mit-territorju tal-Iran tal-oġġetti u t-teknoloġija, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, esportati mill-Unjoni, għandu jkun ipprojbit.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 2a*

1. Għandu jkun ipprojbit l-involviment fi kwalunkwe tranżazzjoni, direttament jew indirettament, ma' portijiet u mgħalaq elenkati fl-Anness IV.

2. L-Anness IV għandu jinkludi portijiet u mgħalaq li huma:

(a) proprjetà ta', operati jew ikkontrollati minn kwalunkwe persuna, fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness III;

(b) proprjetà ta', operati jew ikkontrollati minn persuna ġuridika, entità jew korp li 50 % jew aktar tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu b'mod dirett jew indirett proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness III;

(c) proprjetà ta', operati jew ikkontrollati minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem entità msemmija fil-punti (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu jew skont id-direzzjoni tagħha; jew

(d) użati għat-trasferiment ta' UAVs jew missili jew teknoloġiji jew komponenti relatati tagħhom Iranjani lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fil-każ ta' bastiment fil-bżonn ta' assistenza li qed ifittex post ta' rifuġju, ta' waqfa ta' emerġenza f'port għal raġunijiet ta' sikurezza marittima, jew għas-salvataġġ tal-ħajjiet fuq il-baħar, jew għall-finijiet umanitarji, jew għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.";

(3) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew li huma proprjetà ta', jew huma miżmuma jew ikkontrollati minn, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi:

(a) responsabbli għall-programm tal-UAVs jew tal-missili tal-Iran, li jappoġġawh jew li huma involuti fih;

(b) li jfornu, ibigħu jew li b'xi mod ieħor huma involuti fit-trasferiment ta' UAVs jew missili jew teknoloġiji jew komponenti relatati tal-Iran:

(i) lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna;

(ii) lil gruppi armati u entitajiet li jimminaw il-paċi u s-sigurtà fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar;

(iii) lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jaġixxu bi ksur tar-Riżoluzzjoni 2216 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti; jew,

(c) li huma assoċjati ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-punt (a) jew (b);

kif elenkati fl-Anness III, għandhom jiġu ffriżati.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 3ca*

"1. B'deroga mill-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lill-entitajiet elenkati taħt in-numri tal-entrati 10, 11 u 12 fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, b'tali kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għas-servizzi fuq l-art kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (23), tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. B'deroga mill-Artikolu 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, skont il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma neċessarji biex jittrattaw kwistjonijiet ta' sikurezza tal-ajru li huma kritiċi u identifikati b'mod ċar u wara konsultazzjoni minn qabel mal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan l-Artikolu fi żmien ġimagħtejn minn tali awtorizzazzjoni.

---

(*) Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).";

(5) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 3f*

1. L-Artikolu 3 ma għandux japplika għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li huma meħtieġa għal:

(a) finijiet umanitarji, l-evakwazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' persuni, jew għal inizjattivi li jipprovdu appoġġ lill-vittmi ta' diżastri naturali, nukleari jew kimiċi;

(b) l-operat ta' titjiriet meħtieġa għall-attendenza ta' laqgħat bl-għan li tinstab soluzzjoni għall-appoġġ militari Iranjan għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għal gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar, jew għall-promozzjoni tal-għanijiet ta' politika tal-miżuri restrittivi;

(c) inżul, tlugħ jew titjir li jgħaddi minn fuq it-territorju f'każijiet ta' emerġenza; jew

(d) vjaġġar għal skopijiet uffiċjali ta' membri ta' missjonijiet diplomatiċi jew konsulari ta' Stati Membri fl-Iran jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali.

2. Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti, jinsabu, stabbiliti jew inkorporati dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi skont il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn minn meta jkunu saru disponibbli. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni li tasallu skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċeviha.";

(6) L-Artikolu 4 huwa mħassar

(7) L-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(8) L-Anness IV jiżdied f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

*ANNESS I*

L-Anness II tar-Regolament (UE) 2023/1529 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS II*

LISTA TA' OĠĠETTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2

NOTI INTRODUTTORJI

1. Fejn 'ex' tipprećedi l-kodiċi SA/NM, l-oġġetti koperti mir-Regolament (UE) 2023/1529 jikkostitwixxu biss parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċi SA/NM u huma determinati kemm mid-deskrizzjoni mogħtija f'dan l-Anness kif ukoll mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċi SA/NM.

2. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn 'virgoletti singoli' jingħataw f'nota teknika mal-punt rilevanti.

3. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn 'virgoletti doppji' jinsabu fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 2021/821.

Kategorija 1 — Materjali speċjali u tagħmir relatat

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Materjali enerġetiċi kif ġej u taħlitiet tagħhom: | |
| Pikrat tal-ammonju (CAS 131-74-8); | ex 2908 99 00 |
| Trab iswed; | ex 3601 00 00 |
| Eżanitrodifenilammina (CAS 131-73-7); | ex 2921 44 00 |
| Difluworoammina (CAS 10405-27-3); | ex 2812 90 00 |
| Nitrustarċ (CAS 9056-38-6); | ex 3505 10 50 |
| Tetranitronaftalina; (CAS 28995-89-3, CAS 4793-98-0); | ex 2902 90 00 |
| Trinitruaniżol; (CAS 606-35-9); | ex 2909 30 90 |
| Trinitronaftalina; (CAS 55810-17-8, CAS 2243-94-9); | ex 2902 90 00 |
| Trinitrossilen; (CAS 632-92-8); | ex 2902 41 00<br>ex 2902 42 00<br>ex 2902 43 00<br>ex 2902 44 00 |
| N-metil-2-pirrolidinon; 1-metil-2-pirrolidinon (CAS 872-50-4); | ex 2939 79 90 |
| Diottilmaleat (CAS 142-16-5); | ex 2917 19 80 |
| Etileżilakrilat (CAS 103-11-7); | ex 2916 12 00 |
| Trietilaluminju (TEA) (CAS 97-93-8), trimetilaluminju (TMA) (CAS 75-24-1), u alkili tal-metall piroforiċi oħra u arili tal-litju, sodju, manjeżju, żingu jew boron; | ex 2931 90 00 |
| Nitroċelluloża (CAS 9004-70-0); | 3912 20 |
| Nitrogliċerina (jew gliċeroltrinitrat, trinitrogliċerina) (NG) (CAS 55-63-0); | ex 2920 90 70 |
| 2,4,6-trinitrutoluwen (TNT) (CAS 118-96-7); | ex 2904 20 00 |

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Etilendiamminadinitrat (EDDN) (CAS 20829-66-7); | ex 2920 90 70 |
| Pentaeritritoltetranitrat (PETN) (CAS 78-11-5); | ex 2920 90 70 |
| Ażid taċ-ċomb (CAS 13424-46-9), stifnat taċ-ċomb normali (CAS 15245-44-0) u stifnat taċ-ċomb bażiku (CAS 12403-82-6) u splussivi primarji jew kompożizzjonijiet ta' innesk li fihom ażidi jew kumplessi ta' ażid; | ex 2850 00 60<br>ex 2908 99 00 |
| Dietildifenilurea (CAS 85-98-3); dimetildifenilureja (CAS 611-92-7); urea tal-metiletildifenil | ex 2924 21 00 |
| N,N-difenilurea (difenilurea mhux simetrika) (CAS 603-54-3); | ex 2924 21 00 |
| Metil-N,N-difenilureja (difenilurea mhux simetrika) (CAS 13114-72-2); | ex 2924 21 00 |
| Metil-N,N-difenilurea (difenilurea mhux simetrika tal-metil) (CAS 64544-71-4); | ex 2924 21 00 |
| 4-Nitrodifenilammina (4-NDPA) (CAS 836-30-6); | ex 2921 44 00 |
| 2,2-dinitropropanol (CAS 918-52-5); | ex 2905 59 98 |
| Materjali fibrużi u filamentari, mhux ikkontrollati minn 1C010 [1] jew 1C210 [2], għall-użu fi strutturi 'kompożiti' u b'modulu speċifiku ta' 3,18 x $10^6$ m jew akbar u reżistenza għat-tensjoni speċifika ta' 7,62 x $10^4$ m jew akbar | ex 5402 11<br>ex 5501 11<br>ex 5503 11<br>ex 6815 11<br>ex 6815 12<br>ex 6815 19<br>ex 7019 19 10 |
| Nanomaterjali kif ġej: | ex 2805 30 |
| a. Nanomaterjali semikondutturi; | ex 2846 10 |
| b. Nanomaterjali bbażati fuq il-komposti; jew | ex 2846 90 |
| c. Kwalunkwe wieħed minn dawn in-nanomaterjali bbażati fuq il-karbonju: | ex 5402 11 |
| 1. Nanotubi tal-karbonju; | ex 5501 11 |
| 2. Nanofibri tal-karbonju; | ex 5503 11 |
| 3. Fullereni; | ex 6815 11 |
| 4. Grafeni; jew | ex 6815 12 |
| 5. Basal tal-karbonju. | ex 6815 13 |
| Noti: *Għall-finijiet ta' dan il-kontroll, nanomaterjal ifisser materjal li jissodisfa mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:* | ex 6815 19<br>ex 7019 12<br>ex 7019 19 |
| *1. Jikkonsisti f'partiċelli, b'dimensjoni esterna waħda jew aktar fil-medda tad-daqs 1 – 100 nm għal aktar minn 1 % tad-distribuzzjoni dimensjonali numerika tagħhom;* | |
| *2. Għandu strutturi interni jew tal-wiċċ f'dimensjoni waħda jew aktar fil-firxa tad-daqs ta' 1 - 100 nm; jew* | |
| *3. Għandu erja tal-wiċċ speċifika bil-volum akbar minn 60 $m^2/cm^3$, esklużi materjali li jikkonsistu f'partikoli b'daqs inqas minn 1 nm* | |

(1) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
(2) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Tungstenu, karbur tat-tungstenu u ligi, mhux ikkontrollati minn 1C117 ([3]), 1C226 ([4]), II. A1.013 ([5]) jew II.A1.017 ([6]), li fihom aktar minn 90 % ta' tungstenu skont il-piż.<br>Nota 1: *Għall-finijiet ta' dan il-kontroll, il-wajer huwa eskluż*<br>Nota 2: *Għall-finijiet ta' dan il-kontroll, l-istrumenti kirurġiċi jew mediċi huma esklużi* | 2849 90 30<br>ex 8101 10<br>ex 8101 94<br>ex 8101 97<br>ex 8101 99 |
| Polietilen b'piż molekulari għoli ħafna (Ultra-High-Molecular-Weight Polyethylene, UHMWPE), mhux ikkontrollat b'1C010 ([7]) jew 1C210 ([8]), preżentat fi kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:<br>a. Forom primarji;<br>b. Raden tal-filament jew monofilamenti;<br>c. Stoppa tal-filamenti;<br>d. Ftietel;<br>e. Fibri ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) jew imqattgħin;<br>f. Tessuti;<br>g. Polpa jew qatgħat. | ex 3901 20 10<br>ex 3901 20 90<br>ex 5402 39<br>ex 5402 49<br>ex 5402 59<br>ex 5402 69<br>ex 5404 90 90<br>ex 5407 20 11<br>ex 5407 20 19<br>ex 5501 90<br>ex 5503 90<br>ex 5506 90<br>ex 5601 30 |

Kategorija 2 — L-ipproċessar ta' materjali

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Berings u sistemi ta' berings mhux ikkontrollati minn 2A001 ([9]) u 2A101 ([10]):<br>a. Ball bearings jew ball bearings solidi, li għandhom tolleranzi speċifikati mill-manifattur skont ABEC 7, ABEC 7P, jew ABEC 7T jew ISO Standard Klassi 4 jew aħjar (jew ekwivalenti) u li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:<br>1. Manifatturati għall-użu f'temperaturi operattivi 'l fuq minn 573 K (300 °C) jew bl-użu ta' materjali speċjali jew bi trattament speċjali tas-sħana; jew<br>2. B'elementi lubrikanti jew modifiki tal-komponenti li, skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur, huma ddisinjati apposta biex jippermettu li l-berings jaħdmu f'veloċitajiet li jaqbżu ż- 2,3 miljun 'DN'; | ex 8482 10<br>ex 8482 20<br>ex 8482 30<br>ex 8482 40<br>ex 8482 50<br>ex 8482 80<br>ex 8482 91 |

([3]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([4]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([5]) Ref. l-Anness II tar-Regolament Nru (UE) 267/2012
([6]) Ref. l-Anness II tar-Regolament Nru (UE) 267/2012
([7]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([8]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([9]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([10]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| b. Berings tar-rombli solidi li jidjiequ, li għandhom tolleranzi speċifikati mill-manifattur skont il-Klassi 00 (pulzieri) tal-ANSI/ABMA jew tal-Klassi A (metrika) jew aħjar (jew l-ekwivalenti) u li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:<br><br>1. B'elementi lubrikanti jew modifiki tal-komponenti li, skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur, huma ddisinjati apposta biex jippermettu li l-berings jaħdmu f'veloċitajiet li jaqbżu ż- 2,3 miljun 'DN'; jew<br><br>2. Manifatturati għall-użu f'temperaturi operattivi taħt 219 K (-54 °C) jew ogħla minn 423 K (150 °C);<br><br>c. Bering tal-fojl lubrikat bil-gass manifatturat għall-użu f'temperaturi operattivi ta' 561 K (288 °C) jew ogħla u kapaċità ta' tagħbija ta' unità ta' aktar minn 1 MPa;<br><br>d. Sistemi ta' berings manjetiċi attivi;<br><br>e. Berings li jiżżerżqu tal-ġurnal miksijin bi drapp jew miksijin bi drapp li jallinjaw waħedhom manifatturati għall-użu f'temperaturi operattivi taħt 219 K (-54 °C) jew ogħla minn 423 K (150 °C).<br><br>*Noti Tekniċi:*<br><br>*1. 'DN' huwa l-prodott tad-dijametru tal-kanna tal-bering f'mm u l-veloċità rotazzjonali tal-bering f'rpm.*<br><br>*2. It-temperaturi tat-tħaddim jinkludu dawk it-temperaturi miksuba meta magna b'turbini tal-gass tkun waqfet wara t-tħaddim* | |
| Tagħmir ta' detezzjoni ta' oġġetti mohbija li jopera fil-medda ta' frekwenzi minn 30 GHz sa 3 000 GHz u li għandu riżoluzzjoni spazjali ta' 0,1 mrad (milliradian) sa u inkluż 1 mrad (milliradian) f'distanza ta' standoff ta' 100 m; u komponenti, ħlief dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.<br><br>*Nota: It-tagħmir ta' detezzjoni ta' oġġetti mohbija jinkludi iżda mhux limitat għal tagħmir għall-iskrinjar ta' nies, dokumenti, bagalji, effetti personali oħra, merkanzija u/jew posta.*<br><br>*Nota Teknika:*<br><br>*Il-firxa tal-frekwenzi hija mifruxa fuq dak li ġeneralment jitqies bħala r-reġjuni ta' frekwenza millimetru-mewġa, submillimetru-mewġa u terahertz.* | ex 8526 10<br>ex 8526 92<br>ex 8482 10 90 |
| Unitajiet ta' 'kontroll numeriku' għal magni għodda u magni għodda 'ikkontrollati numerikament', għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821 (ara l-Lista ta' Oġġetti Kontrollati):<br><br>a. Unitajiet ta' 'kontroll numeriku' għal għodda bil-magna:<br><br>1. Li għandhom erba' assi interpolanti li jistgħu jiġu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn; jew<br><br>2. Li għandhom żewġ assi jew aktar li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn u inkrement minimu programmabbli aħjar (inqas) minn 0,001 mm;<br><br>3. Unitajiet ta' 'kontroll numeriku' għal makkinarji għodda li għandhom żewġ, tlieta jew erba' assi interpolanti li jistgħu jiġu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn, u kapaċi jirċievu direttament (online) u jipproċessaw *data* tad-disinn assistit mill-kompjuter (computer-aided-design, CAD) għall-preparazzjoni interna ta' struzzjonijiet tal-magni; jew<br><br>b. Bords ta' kontroll tal-moviment iddisinjati apposta għal għodda bil-magna u li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:<br><br>1. Interpolazzjoni f'aktar minn erba' assi; | ex 8537 10 10<br>ex 8537 10 98<br>ex 8456 30<br>ex 8457 10<br>ex 8457 20<br>ex 8457 30<br>ex 8458 11<br>ex 8458 91<br>ex 8459 10<br>ex 8459 31<br>ex 8459 51 |

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| 2. Kapaċi jipproċessaw id-*data* f'ħin reali sabiex jimmodifikaw id-*data* dwar il-mogħdija tal-għodda, ir-rata tal-alimentazzjoni u l-fus, matul l-operazzjoni tal-immaxinjar, b'xi wieħed minn dawn li ġejjin: | ex 8459 61<br>ex 8460 12<br>ex 8460 22<br>ex 8460 23<br>ex 8460 24 |
| a. Kalkolu awtomatiku u modifika tad-*data* tal-programm parzjali għall-immaxinjar f'żewġ assi jew aktar permezz ta' ċikli tal-kejl u aċċess għad-*data* tas-sors; jew | |
| b. Kontroll adattiv b'aktar minn varjabbli fiżiku wieħed imkejjel u pproċessat permezz ta' mudell tal-kompjuter (strateġija) biex tinbidel struzzjoni waħda jew aktar ta' mmaxinjar biex jiġi ottimizzat il-proċess; jew | |
| 3. Kapaċi jirċievu u jipproċessaw *data* tas-CAD għat-tħejjija interna tal-istruzzjonijiet tal-magni; | |
| c. Makkinarji għodda 'ikkontrollati numerikament' li, skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-manifattur, jistgħu jkunu mgħammra b'apparat elettroniku għall-kontroll tal-kontorn simultanju f'żewġ assi jew aktar u li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: | |
| 1. Żewġ assi jew aktar li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn; u | |
| 2. Il-preċiżjoni tal-pożizzjonament skont l-ISO 230/2 (2006), bil-kumpensi kollha disponibbli: | |
| a. Aħjar minn 15 μm tul kwalunkwe assi lineari (pożizzjonament ġenerali) għal magni tat-tħin; | |
| b. Aħjar minn 15-il μm tul kwalunkwe assi lineari (pożizzjonament ġenerali) għal magni tat-tħin; jew | |
| c. Aħjar minn 15-il μm tul kwalunkwe assi lineari (pożizzjonament ġenerali) għal magni tat-turnjatura; jew | |
| d. Makkinarji għodda, kif ġej, għat-tneħħija jew qtugħ ta' metalli, ċeramika jew 'komposti', li, skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-manifattur, jistgħu jkunu mgħammra b'apparat elettroniku għall-kontroll simultanju tal-kontorn f'żewġ assi jew aktar: | |
| 1. Makkinarji għodda għat-tidwir, it-tħin, il-milling jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom, li għandhom żewġ assi jew aktar li jistgħu jkunu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn u li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: | |
| a. 'Fus tal-inklinazzjoni' wieħed jew aktar tal-kontorn; | |
| <u>Nota:</u> *dan japplika għal makkinarju għodda għat-tħin jew milling biss.* | |
| b. 'Camming' (spostament assjali) f'dawra waħda tal-fus inqas (aħjar) minn qari tal-indikatur totali (total indicator reading, TIR) ta' 0,0006 mm; | |
| <u>Nota:</u> *dan japplika għal makkinarju għodda għat-tidwir biss.* | |
| c. 'Run out' (out-of-true running) f'dawra waħda tal-fus inqas (aħjar) minn qari tal-indikatur totali (TIR) ta' 0,0006 mm; jew | |
| d. Il-preċiżjoni tal-pożizzjonament, bil-kumpensi kollha disponibbli, hija inqas (aħjar) minn: 0,001° fuq kwalunkwe assi rotatorju; | |
| 2. Magni ta' skariku elettriku (Electrical discharge machines, EDM) tat-tip ta' alimentazzjoni tal-wajer li għandhom ħames assi jew aktar li jistgħu jiġu kkoordinati simultanjament għall-kontroll tal-kontorn. | |

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Assemblaġġi, bordijiet ta' ċirkwiti jew inserzjonijiet iddisinjati apposta għal makkinarji għodda ikkontrollati f'dan l-anness:<br><br>a. Assemblaġġi tal-magħżel, li jikkonsistu f'magħżel u berings bħala assemblaġġ minimu, b'moviment tal-assi radjali ('run-out') jew assjali ('camming') f'dawra waħda tal-magħżel inqas (aħjar) minn qari tal-indikatur totali (TIR) ta' 0,0006 mm;<br><br>b. Inserzjonijiet ta' għodda tal-qtugħ tad-djamant b'punt wieħed, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:<br><br>1. Tarf tal-qtugħ bla difetti u bla ċippjaturi meta mkabbar 400 darba fi kwalunkwe direzzjoni;<br><br>2. Raġġ ta' qtugħ minn 0,1 sa 5 mm inklużivi; u<br><br>3. Raġġ ta' qtugħ barra mit-tond inqas (aħjar) minn 0,002 mm TIR.<br><br>c. Bordijiet ta' ċirkwiti stampati ddisinjati apposta b'komponenti mmuntati li kapaċi jtejbu, skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur, unitajiet ta' 'kontroll numeriku', makkinarji għodda jew apparat ta' feed-back għal jew ogħla mil-livelli speċifikati f'dan l-Anness.<br><br><u>*Nota Teknika:*</u><br><br>*Din l-entrata ma tikkontrollax is-sistemi ta' kejl b'interferometri, mingħajr feedback permezz ta' ċirkwit magħluq jew miftuħ, li jkun fihom laser li jkejjel żbalji ta' moviment ta' slides fil-makkinarji għodda, magni għall-ispezzjoni dimensjonali jew tagħmir simili.* | ex 8207 19<br>ex 8207 20<br>ex 8207 50<br>ex 8207 60<br>ex 8207 90<br>ex 8466 10<br>ex 8466 20 20<br>ex 8466 20 91<br>ex 8466 20 98<br>ex 8466 30<br>ex 8466 93 |
| 'Software' iddisinjat apposta għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni' jew l-'użu' ta' makkinarji għodda ikkontrollati f'dan l-Anness | |
| Makkinarji għodda 'ikkontrollati numerikament', li għandhom assi lineari wieħed jew aktar b'tul ta' tmexxija akbar minn 8 000 mm. | ex 8456<br>ex 8457<br>ex 8458<br>ex 8459<br>ex 8460 |

Kategorija 3 — Elettronika

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Ċirkwiti integrati, kif ġej: Matriċi ta' Gates Programmabbli mill-Utent (Field Programable Gate Array, FPGA), mikrokontrolluri, mikroproċessuri, proċessuri tas-sinjali, analizzaturi tas-sinjali, Konvertituri Analogu-Diġitali (Analogue-to-Digital Converters, ADC), regolaturi tal-voltaġġ, video encoders u konvertituri DC-DC | ex 8542 31<br>ex 8542 39 |
| Amplifikaturi u apparati b"Ċirkwiti Integrati bil-Microwave Monolitiku' (Monolithic Microwave Integrated Circuits, 'MMIC') | ex 8542 33<br>8543 70 02 |
| Filtri RF jew filtri tal-Interferenza Elettromanjetika (Electromagnetic Interference, EMI) | ex 8548 00 |
| Kapaċitaturi tat-Tantalju | 8532 21 |
| Kapaċitaturi tal-Aluminju elettrolitiku | 8532 22 |

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Kapaċitaturi dielettriċi taċ-ċeramika b'ħafna saffi | 8532 24 |
| Ċirkwiti integrati tal-ħżin, kif ġej:<br>a. Memorji jinqraw biss, kanċellabbli u programmabbli bl-elettriku (electrically erasable programmable read-only memories, EEPROMs) b'kapaċità ta' ħżin;<br>1. Li jaqbżu s-16-il Mbit kull pakkett għal tipi ta' memorja flash; jew<br>2. ta' aktar minn wieħed mil-limiti li ġejjin għat-tipi l-oħra kollha tal-EEPROM:<br>a. Jaqbżu 1 Mbit kull pakkett; jew<br>b. Jaqbżu l-256 kbit kull pakkett u ħin massimu ta' aċċess ta' inqas minn 80 ns;<br>b. Memorji statiċi b'aċċess każwali (static random access memories, SRAMs) b'kapaċità ta' ħżin li:<br>1. Jaqbżu 1 Mbit kull pakkett; jew<br>2. Jaqbżu l-256 kbit kull pakkett u b'ħin massimu ta' aċċess ta' inqas minn 25 ns | ex 8542 32 |
| Kristalli pjeżoelettriċi mmuntati | 8541 60 |
| 'Apparat semikonduttur' li jissodisfa l-istandard militari MIL-STD-750D jew standard ekwivalenti ieħor.<br>*Nota teknika: Għall-finijiet ta' dan il-kontroll, 'apparati semikondutturi' huma komponenti elettroniċi li jiddependu fuq il-proprjetajiet elettroniċi ta' materjal semikonduttur, bħal dijodi, transducers, apparati fotosensittivi, tiristuri, dijaċi, trijaċi jew tranżisters, inklużi tranżisters b'effett ta' kamp b'semikonduttur ossidumetalliku (MOSFETs), FETs, FinFETs, IGBT, eċċ* | ex 8541 10<br>ex 8541 21<br>ex 8541 29<br>ex 8541 30<br>ex 8541 49<br>ex 8541 51<br>ex 8541 59 |
| Plaggs, konnetturi, jacks, jumpers, terminals, sokits jew adapters tal-elettriku, li għandhom xi wieħed minn dan li ġej:<br>a. Stmati għal tħaddim f'temperatura tal-ambjent ogħla minn 398K (125 °C);<br>b. Stmati għal operazzjoni f'temperatura tal-post anqas minn 218K (- 55 °C); jew<br>c. Stmati għal operazzjoni fuq il-marġni kollha ta' temperatura tal-post minn 218K (- 55 °C) to 398K (125 °C). | ex 8536 69<br>ex 8536 90 |
| Tagħmir għall-manifattura ta' bords ta' ċirkwit stampat (Printed Circuit Boards, PCBs) u komponenti u aċċessorji ddisinjati apposta għalih, kif ġej:<br>a. Tagħmir għall-ipproċessar tal-films;<br>b. Tagħmir għall-applikazzjoni ta' kisja reżistenti għall-issaldjar;<br>c. Tagħmir tal-plotter tar-ritratti;<br>d. Tagħmir għall-kisi tal-ipplejtjar jew tal-elettroplejtjar;<br>e. Kmamar u preses tal-vakwu;<br>f. Laminaturi bir-rombli;<br>g. Tagħmir ta' allinjament; jew<br>h. Tagħmir tal-inċiżjoni. | ex 8424 89 40<br>ex 8479 89 70<br>ex 8543 30 40<br>ex 8486 40<br>ex 8420 10 81<br>ex 8479 90 15 |

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Tagħmir ta' spezzjoni ottika awtomatizzata għall-ittestjar ta' bords ta' ċirkwit stampat (PCBs), ibbażat fuq sensuri ottiċi jew elettriċi, u li kapaċi jindividwa kwalunkwe wieħed mid-difetti fil-kwalità li ġejjin:<br>a. L-ispazjar, l-erja, il-volum jew l-għoli;<br>b. Bill boarding;<br>c. Komponenti (preżenza, assenza, qlib, spostament, polarità, jew koeffiċjent ta' assimetrija);<br>d. Saldatura (pontijiet, ġonot insuffiċjenti tas-saldatura);<br>e. Leads (pejst insuffiċjenti, lifting);<br>f. Tombstoning; jew<br>g. Elettriku (xorts, ftuħ, reżistenza, kapaċitanza, enerġija, prestazzjoni tal-grilja). | ex 9030 31<br>ex 9030 32<br>ex 9030 33 20<br>ex 9030 33 70<br>ex 9030 39 00<br>ex 9030 84<br>ex 9030 89<br>ex 9031 49 10<br>ex 9031 49 90<br>ex 9031 80 20<br>ex 9031 80 80 |
| Kimiċi u materjali tat-tip użati fil-produzzjoni tal-bords ta' ċirkwit stampat (PCBs), kif ġej:<br>a. Sottostrati 'komposti' tal-PCB magħmulin mill-fibra tal-ħġieġ jew mill-qoton (pereż. FR-4, FR-2, FR 6, CEM-1, G-10, eċċ.);<br>b. Sottostrati ta' PCB b'diversi saffi, li fihom mill-inqas saff wieħed ta' xi wieħed mill-materjali li ġejjin:<br>1. Aluminju;<br>2. Politetrafluworoetilen (PTFE); jew<br>3. Materjali taċ-ċeramika (pereż. alumina, ossidu tat-titanju, eċċ.);<br>c. Sustanzi kimiċi ta' inċiżjoni;<br>1. Klorur ferriku (7705-08-0);<br>2. Klorur kupriku (7447-39-4);<br>3. Persulfat tal-ammonju (7727-54-0);<br>4. Persulfat tas-sodju (7775-27-1); jew<br>5. Preparazzjonijiet kimiċi mfasslin apposta għall-inċiżjoni u li fihom xi waħda mill-kimiċi inklużi fil-punti 1 sa 4.<br>Nota: *Dan il-kontroll ma jikkontrollax 'taħlitiet kimiċi' li fihom waħda jew aktar mis-sustanzi kimiċi speċifikati f'din l-entrata fejn l-ebda sustanza kimika speċifikata individwalment ma tikkostitwixxi aktar minn 10 % tal-piż tat-taħlita.*<br>d. Fojl tar-ram b'purità minima ta' 95 % u bi ħxuna ta' inqas minn 100 μm;<br>e. Sustanzi polimeriċi u films tagħhom ta' ħxuna inqas minn 0,5 mm, kif ġej:<br>1. Polimidi aromatiċi;<br>2. Parileni;<br>3. Benżoċiklobuteni (Benzocyclobutenes, BCBs); jew<br>4. Polibenżossażoli. | ex 3921 90 55<br>ex 8534 00<br>ex 2827 39 20<br>ex 2827 39 85<br>ex 2833 40<br>ex 3824 99 96<br>ex 7410 11<br>ex 7410 21<br>ex 3919 10 80<br>ex 3919 90 80 |

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| ‘Software’ iddisinjat apposta għall-ittestjar, l-‘iżvilupp’ jew il-‘produzzjoni’ tal-Bords ta’ Ċirkwiti Stampati (PCBs). | Mhux Applikabbli |
| Sistemi u tagħmir tal-frekwenzi tar-radju mhux inklużi fir-Regolament (UE) 2021/821, komponenti u aċċessorji, iddisinjati apposta jew modifikati biex jiżviluppaw xi waħda mill-funzjonijiet li ġejjin:<br>a. Teħid ta’ kontroll u kmand tal-UAVs.<br>b. Deliberatament u selettivament, jinterferixxu ma’, jiċħdu, jinibixxu, jiddegradaw jew iqarrqu bis-sinjali tal-frekwenza tar-radju għall-kontroll u l-kmand ta’ inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ.<br>c. juża l-karatteristiċi speċifiċi tal-protokoll tal-frekwenza tar-radju użat mid-droni biex ifixkel it-tħaddim tagħhom. | ex 8517 62<br>ex 8517 71<br>ex 8517 79<br>ex 8525 50<br>ex 8526 92<br>ex 8529 10<br>ex 8543 70 90 |

Kategorija 4 — Kompjuters

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Kompjuters elettroniċi u tagħmir relatat, u ‘assemblaġġi elettroniċi’ u komponenti ddisinjati apposta għalihom, iklassifikati biex jitħaddmu f’temperatura ambjentali ogħla minn 343 K (70 °C) | ex 8471 |
| ‘Kompjuters diġitali’, inkluż tagħmir ta’ ‘proċessar tas-sinjali’ jew ‘titjib tal-immaġni’, li għandhom ‘L-Ogħla Prestazzjoni Aġġustata’ (Adjusted Peak Performance, ‘APP’) ta’ 0,0128 TeraFLOPS Ponderati (WT) jew aktar; | ex 8471 |
| Kompjuters ibridi u ‘assemblaġġi elettroniċi’ u komponenti ddisinjati apposta għalihom li fihom konvertituri analogi-diġitali li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:<br>a. 32 kanal jew iktar; u<br>b. Riżoluzzjoni ta’ 14-il bit (plus sign bit) jew aktar b’rata ta’ konverżjoni ta’ 200 000 Hz jew aktar | ex 8471 |

Kategorija 5 — Telekomunikazzjoni u sigurtà tal-informazzjoni

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Apparat, tagħmir jew magni tat-telekomunikazzjoni, għall-‘inġenji tal-ajru’ | ex 8517 62<br>ex 8517 69 |

Kategorija 6 — Sensuri u lasers

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Kameras għal stħarriġ mill-ajru | ex 9006 30 |

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Sensuri Ottiċi kif ġej:<br>a. Tubi għall-intensifikazzjoni tal-immaġni u komponenti ddisinjati apposta għalihom, kif ġej:<br>1. Tubi li jintensifikaw l-immaġni li għandhom dan kollu li ġej:<br>a. Rispons massimu fil-medda tal-frekwenza ta' aktar minn 400 nm, iżda ta' mhux aktar minn 1 050 nm;<br>b. Plakka b'mikrokanali għall-amplifikazzjoni tal-immaġni tal-elettroni bl-ispazjar tat-toqob (minn ċentru sa ċentru) ta' inqas minn 25 μm; u<br>c. Li għandhom kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:<br>1. Fotokatodu S-20, S-25 jew fotokatodu multialkali; jew<br>2. Fotokatodu GaAs jew GaInAs;<br>2. Pjanċi b'mikrokanali ddisinjati apposta li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:<br>a. 15 000 tubu vojt jew aktar għal kull pjanċa; u<br>b. L-ispazjar tat-toqob (minn ċentru sa ċentru) ta' inqas minn 25 μm<br>b. Tagħmir għall-immaġni ta' viżjoni diretta li jaħdem fl-ispettru viżibbli jew infraaħmar, li jinkorpora tubi li jintensifikaw l-immaġni li jkollhom il-karatteristiċi tat-tubu li jintensifika l-immaġni inklużi f'dan il-kontroll. | ex 8529 90<br>ex 8542 39<br>ex 9006 91<br>ex 9013 80<br>ex 9025 80<br>ex 9025 90<br>ex 9026 80<br>ex 9026 90<br>ex 9027 50<br>ex 9032 10 |
| Kameras għall-viżjoni bil-lejl | 8525 83 |
| Kameras li jissodisfaw il-kriterji tan-Nota 3 sa 6A003.b.4 ([11]) | ex 8525 89<br>ex 9006 30 |
| Telemetri laser tal-ajru | ex 9013 20 00<br>ex 9013 80 00<br>ex 9013 90 80<br>ex 9015 10<br>ex 9015 80<br>ex 9015 90<br>ex 9031 80 20<br>ex 9031 80 80<br>ex 9031 90 00<br>ex 9033 00 90 |
| 'Ċelloli primarji' jew batteriji li għandhom densità tal-enerġija ta' 150 Wh/kg jew aktar f'293 K (20 °C) | ex 8506 |

([11]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| *Noti Tekniċi:*<br><br>1. *Għall-finijiet ta' dan il-kontroll, 'densità tal-enerġija' (Wh/kg) hija kkalkulata mill-vultaġġ nominali mmultiplikat bil-kapaċità nominali f'ampere-sigħat (ampere-hours, Ah) diviż bil-massa f'kilogrammi. Jekk il-kapaċità nominali ma tkunx iddikjarata, id-densità tal-enerġija tiġi kkalkulata mill-vultaġġ nominali kwadrat imbagħad immultiplikat b'kemm idum l-iskariku f'sigħat diviża bit-tagħbija tal-iskarika f'ohms u l-massa f'kilogrammi.*<br><br>2. *Għall-finijiet ta' dan il-kontroll, 'ċellula' hija definita bħala apparat elettrokimiku, li għandu elettrodi pożittivi u negattivi, elettrolit, u hija sors ta' enerġija elettrika. Din hija l-element kostitwenti bażiku ta' batterija.*<br><br>3. *Għall-finijiet ta' dan il-kontroll, 'ċellula primarja' hija 'ċellula' li mhix iddisinjata sabiex tiġi kkargata minn xi sors ieħor.* | |
| Sistemi tar-radar, tagħmir u komponenti maġġuri, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, u komponenti tagħhom iddisinjati apposta, kif ġej:<br><br>a. Tagħmir tar-radar tal-ajru, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, u komponenti tiegħu ddisinjat apposta;<br><br>b. Radar bil-'laser' 'ikkwalifikat għall-użu spazjali' jew tagħmir għad-Detezzjoni u l-Kejl tad-Distanza bid-Dawl (Light Detection and Ranging, LIDAR), iddisinjat apposta għall-istħarriġ jew għall-osservazzjoni meteoroloġika;<br><br>c. Sistemi għal viżjoni mtejba b'immaġni tar-radar b'mewġa millimetrika 'ddisinjati apposta' għal inġenji tal-ajru li jaħdmu bir-rotors u li għandhom dan kollu li ġej:<br><br>1. Joperaw bi frekwenza ta' 94 GHz;<br><br>2. Potenza tal-output medja ta' inqas minn 20 mW;<br><br>3. Wisa' tar-raġġ tar-radar ta' 1 grad; u<br><br>4. Medda operattiva daqs jew aktar minn 1 500 m | ex 8526 10<br>ex 8529 90<br>ex 9015 10<br>ex 90 |
| 'Manjetometri', sensuri elettromanjetiċi 'Superkondutturi', u l-komponenti 'ddisinjati apposta' għalihom, kif ġej:<br><br>a. 'Manjetometri', ħlief dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, li jkollhom 'sensittività' anqas (aħjar) minn 1,0 nT (rms) għal kull għerq kwadrat ta' Hz<br><br>*Nota Teknika: Għall-finijiet ta' dan il-kontroll 'sensittività' (livell ta' ħoss) hija l-għerq tal-medja tal-kwadrati tal-livell minimu ta' ħoss limitat bl-apparat li huwa l-aktar sinjal baxx li jista' jitkejjel*<br><br>b. Sensuri elettromanjetiċi 'superkonduttivi', 'komponenti' mmanifatturati minn materjali 'superkonduttivi':<br><br>1. Iddisinjati biex joperaw f'temperaturi taħt it-'temperatura kritika' ta' mill-inqas wieħed mill-kostitwenti 'superkonduttivi' tagħhom (inkluż apparat bl-effett Josephson jew apparat 'superkonduttiv' b'interferenza kwantistika ('superconductive' quantum interference devices, SQUIDS));<br><br>2. Iddisinjati biex jaqbdu l-varjazzjonijiet tal-kamp elettromanjetiku fi frekwenzi ta' 1 kHz jew inqas; u<br><br>3. Għandhom kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:<br><br>a. Jinkorporaw SQUIDS b'film irqiq b'daqs minimu tal-element ta' inqas minn 2 μm u biċ-ċirkwiti assoċjati ta' akkoppjament tal-input u tal-output;<br><br>b. Iddisinjati sabiex jaħdmu b'oxxillazzjoni tal-kamp manjetiku li taqbeż il-1 x $10^6$ kwanti ta' fluss manjetiku kull sekonda; | ex 9015 80<br>ex 9031 80 |

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| c. Iddisinjati sabiex jaħdmu mingħajr protezzjoni manjetika fil-kamp manjetiku tal-ambjent mingħajr tad-dinja; jew<br>d. Li għandhom koeffiċenti tat-temperatura ta' inqas (iżgħar) minn 0,1 kwantum/K ta' fluss manjetiku | |
| Gravimetri (metri tal-gravità) iddisinjati jew modifikati għall-użu fuq l-art, għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:<br>a. Li għandhom preċiżjoni statika ta' inqas (aħjar) minn 100 μGal; jew<br>b. Li jkunu tat-tip tal-element kwarzuż (Worden) | ex 9015 80 |
| 'Software', għajr dak speċifikat fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821, iddisinjat apposta għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni', jew l-'użu' ta' oġġetti kkontrollati minn 6A002 ([12]), 6A003 ([13]), u radars, manjetometri u gravimetri inklużi fil-Kategorija 6 ta' dan ir-Regolament. | Mhux Applikabbli |

Kategorija 7 — Navigazzjoni u avjonika

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Sistemi ta' Navigazzjoni Inerzjali, Unità Inerzjali ta' Kejl (IMU), aċċellerometri jew ġiroskopji, u parts u aċċessorji tagħhom | ex 9014 20<br>ex 9014 80<br>ex 9014 90 |
| Antenni u rifletturi ta' antenni għal 'inġenji tal-ajru' jew 'sistemi ta' gwida', parts tajbin għall-użu magħhom | ex 8517 71<br>ex 8529 10 |
| Tagħmir ta' 'sistema ta' navigazzjoni bis-satellita', inklużi aerials u antennas adattati għar-riċezzjoni ta' sinjali GNSS, u parts tagħhom | ex 8526 91<br>ex 8529 90<br>ex 8526 10<br>ex 8526 92<br>ex 8517 71<br>ex 8529 10 |
| Reġistraturi diġitali tad-*data* tat-titjiriet<br>*Nota: Dan il-kontroll ma jkoprix dawk ir-reġistraturi diġitali tad-data tat-titjira li jissodisfaw dan kollu li ġej:*<br>*a. Ċertifikati mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tal-UE jew Stati Parteċipanti tal-Ftehim ta' Wassenaar; u*<br>*b. Maħsuba għal 'inġenji tal-ajru' mhux militari li għalihom inħareġ xi wieħed minn dan li ġej mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tal-UE jew Stati Parteċipanti fil-Ftehim ta' Wassenaar għall-'inġenji tal-ajru' b'dan it-tip ta' magna speċifika:*<br>*1. Ċertifikat tat-tip ċivili; jew*<br>*2. Dokument ekwivalenti rikonoxxut mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).* | 8543 70 04 |

([12]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821
([13]) Ref. l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Apparat għall-għajnuna bir-radjunavigazzjoni għall-'inġenji tal-ajru' u l-komponenti ddisinjati apposta tiegħu | ex 8526 91<br>ex 8529 90 |
| Unitajiet ta' kontroll tat-titjira għal 'Vetturi tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ' ('UAVs'), u parts tagħhom | ex 8537 10<br>ex 8807 30 |
| Unitajiet ta' kontroll mill-bogħod għal 'Vetturi tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ' ('UAVs'), u parts tagħhom | ex 8517 61<br>ex 8526 92<br>ex 8537 10<br>ex 8543 70 90<br>ex 8807 30 |

Kategorija 9 — Arjuspazju u propulsjoni

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| 'Vetturi tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ' ('UAVs') għajr dawk iddiżinjati biex iġorru passiġġieri, u parts tagħhom | 8806 21<br>8806 22<br>8806 23<br>8806 24<br>8806 29<br>8806 91<br>8806 92<br>8806 93<br>8806 94<br>8806 99<br>ex 8807 30 |
| Magni b'turbini tal-gass aero (turboprop, turboġett u turbofan) għall-'inġenji tal-ajru', u l-komponenti ddisinjati apposta tagħhom | ex 8411 11<br>ex 8411 12<br>ex 8411 21<br>ex 8411 22<br>ex 8411 91 |
| Magni spark-ignition bil-moviment alternat jew magni rotatorji bil-pistuni b'kombustjoni interna, għall-'inġenji tal-ajru' | 8407 10 |
| Parts tajbin għall-użu biss jew l-aktar ma' magni tal-kombustjoni interna bil-pistuni għall-'inġenji tal-ajru' | 8409 10 |

| Deskrizzjoni | Kodiċi SA/NM |
|---|---|
| Magni tal-kombustjoni interna bil-pistuni mqabbda bil-kompressjoni għall-‘inġenji tal-ajru’ | ex 8408 90 |
| Servomutur għal ‘Vetturi tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ’ (‘UAVs’) | ex 8501<br>ex 8807 30 |
| Sistemi ta’ llanċjar għal ‘UAVs’, u parts tagħhom | ex 8805 10<br>ex 8807 30 |
| Tagħmir għall-appoġġ fuq l-art għal ‘UAVs’ | ex 8805 10 |
| Tagħmir tal-ittestjar għall-ajruspazju u l-propulsjoni u komponenti ddisinjati apposta għalihom, għajr dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821.<br><br><u>Nota</u>: *dan il-kontroll jinkludi l-oġġetti li ġejjin, u s- ‘software’ relatat:*<br><br>— *Bank tat-test tar-rilaxx tat-tagħbija u faċilitajiet oħra biex jissimulaw separazzjoni sikura mill-‘inġenju tal-ajru’ jew mis-sistema ta’ llanċjar.*<br><br>— *Kompartimenti tal-isprej tal-melħ għall-firxiet tat-temperatura u tal-umdità biex jitwettqu t-testijiet tal-ossidazzjoni.*<br><br>— *Kompartimenti għat-twettiq tat-testijiet tal-fungus.*<br><br>— *Apparati għat-testijiet tal-aċċellerazzjoni, tax-xokkijiet u tax-xokkijiet tat-trasport.*<br><br>— *Kompartimenti tal-vibrazzjoni b’meded ta’ altitudni, temperatura u umdità.*<br><br>— *Kompartimenti għat-testijiet ta’ dekompressjoni splussiva.*<br><br>— *Kompartimenti għat-testijiet tat-temperatura, tal-umdità u tar-radjazzjoni solari.*<br><br>— *Apparati biex tiġi stmata r-radjazzjoni solari maqbuda għat-testijiet tar-radjazzjoni solari.*<br><br>— *Vibraturi għal testijiet sinusojdali, aleatorji u ta’ xokk, li jistgħu jiġu kkombinati ma’ testijiet tal-altitudni, tat-temperatura u tal-umdità.*<br><br>— *Tabella tal-vibrazzjoni għat-testijiet longitudinali u laterali flimkien ma’ kompartimenti tat-temperatura.*<br><br>— *Kmamar ta’ pressjoni żejda.* | ex 9031 20<br>ex 9031 80 |
| Sistemi ta’ ‘terminazzjoni tat-titjira’ u komponenti ddisinjati speċifikament.<br><br><u>Nota:</u> *dan il-kontroll ikopri standards ta’ komunikazzjoni diġitali u analogi għal Sistemi ta’ Terminazzjoni tat-Titjira, inklużi modalitajiet operazzjonali kriptati.*<br><br><u>Noti tekniċi:</u><br><br>1. *Għall-finijiet ta’ dan il-kontroll, ‘terminazzjoni tat-titjira’ tista’ tinvolvi nżul ikkontrollat, awtoqerda, jew detonazzjoni tat-testata biex jiġi minimizzat ir-riskju ta’ ħsara kollaterali*<br><br>2. *Għall-finijiet ta’ dan il-kontroll, il-komponenti jinkludu tagħmir tal-art u abbord, eċċitaturi tal-kmand, encoders, kontrolluri amplifikaturi, riċevituri tal-verifika tal-kmand, amplifikaturi, trażmettituri, dekodifikaturi u riċevituri.* | ex 8526 92<br>ex 8529 90 |

Kategorija 10 — Teknoloġija

‘Teknoloġija’, iddisinjata jew adottata speċifikament għall-ittestjar, l-iżvilupp jew il-produzzjoni tat-tagħmir ikkontrollata f’dan l-Anness

‘Teknoloġija’ għall- ‘użu’ ta’ makkinarju għodda kkontrollata f’dan l-Anness.”

*ANNESS II*

Fir-Regolament (UE) 2023/1529 jiżdied l-Anness li ġej

*"ANNESS IV*

Lista ta' portijiet u mgħalaq kif imsemmi fl-Artikolu 2a

| | Isem | Raġunijiet għall-inklużjoni | Data tal-applikazzjoni |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Port ta' Amirabad, l-Iran | L-Artikolu 2a(1), il-punt (d): użati għat-trasferiment ta' UAVs jew missili Iranjani jew teknoloġiji relatati jew komponenti tagħhom lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna | 18.11.2024 |
| 2. | Il-Port ta' Anzali, l-Iran | L-Artikolu 2a(1), il-punt (d): użati għat-trasferiment ta' UAVs jew missili Iranjani jew teknoloġiji relatati jew komponenti tagħhom lir-Russja b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna | 18.11.2024" |